# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 17 ta' Marzu 2022**

**Talba Nru: 300/19 JG**
**Numru fuq il-lista: 2**

**Josephine Mangion (ID 200336(M)) u Myriam Portanier Mifsud (ID 441975(M))**

**Vs**

**Marthese Calleja, Victor Sant, Josephine Farrugia u Charles Sant**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-11 t'Ottubru 2019, permezz ta' liema, l-atturi talbu lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ammont ta' elf, mitejn, sebgħa u għoxrin Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€1,227.28),

rappreżentanti ħsara magħmula fuq lapida u qabar kif aħjar deskritti fl-istess Avviż tat-Talba[1].

Ra r-risposta tal-konvenuti ppreżentata fil-21 ta' Ottubru 2019[2].

Ra l-affidavits tal-atturi u ta' Nicolette Miller[3].

Ra x-xhieda ta' Charles Schembri[4].

Ra x-xhieda ta' Jeffrey Custo[5].

Ra d-digriet tat-28 ta' Ottubru, 2020, tramite liema, il-Prim Imħallef ordna li din it-talba tiġi hekk assenjata lil dan it-Tribunal kif issa presedut[6].

Sema' x-xhieda in eżami ta' Marthese Calleja[7].

Sema' x-xhieda ta' Charles Sant, Miriam Portanier Mifsud, Nicolette Miller, Mathese Calleja[8].

---

[1] A fol 1 *et seq.*
[2] A fol 10 *et seq.*
[3] Ippreżentati permezz ta' nota fid-29 ta' Novembru 2019 li tinsab a fol 16 tal-proċess.
[4] Magħmula fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2020. Xhieda tibda a fol 26 tal-proċess.
[5] Magħmula fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2020. Xhieda tibda a fol 32 tal-proċess.
[6] A fol 42 tal-proċess.
[7] Magħmula fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2020. Xhieda tibda a fol 45 tal-proċess.
[8] Magħmula fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2021. Xhieda tibda a fol 66 tal-proċess.

Sema' t-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta[9].

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi qabel mat-Tribunal iqis l-aspetti legali ta' din il-kwistjoni, tinħass il-ħtieġa li l-istess Tribunal jirrakkolji u jispjega, anke jekk brevement, ix-xhieda miġbura f'dawn il-proċeduri. Dan qiegħed isir anke għaliex ix-xhieda ma ġietx kollha mismugħa minn dan it-Tribunal kif issa presedut, u għalhekk qiegħed jagħmel hekk sabiex iserraħ moħħ il-partijiet li dik ix-xhieda ġiet debitament mixtarra.

Illi in suċċint, ix-xhieda kienet din li ssewgi.

**<u>Xhieda/Provi</u>**

Illi Myriam Portanier Mifsud xehdet inizjalment permezz t'affidavit[10]. Hawn tispjega li hija u Nicolette Miller (li tiġi iħta) wirtu l-qabar 49B, fiċ-ċimiterju tal-Mosta minn għand in-nannu tagħhom. Fit-12 ta' Marzu 2019, ċertu Charles

[9] Jingħad li l-ewwel trattazzjoni orali magħmula fil-21 ta' Ġunju 2021 ma setgħetx tiġi traskritta peress li s-sistema elettronika ma ħadmitx. Wara digriet tal-1 ta' Novembru 2021 ġie ordnat lit-trattazjoni terġa ssir, kif seħħ fl-4 ta' Novembru 2021. Din tibda a fol 96 tal-proċess.
[10] A fol 17 tal-proċess.

Schembri, inkarigat miċ-ċimiterju informa lill-oħtha li dan il-qabar kien ġarrab xi ħsara. Oħtha marret fuq il-post u sabet straġi. Tgħid li mir-ritratti (eżebiti) jidher ċar li waqgħet il-lapida ta' qabar ta' wara tagħhom, bin-numru 41, waqgħet fuq il-qabar. Dakinhar għamlu rapport l-Għassa tal-Mosta. Wara xi żmien, peress li ma semgħu xejn, sabu l-propjetarji tal-qabar l-ieħor. Ġie deċiż li hi u oħta jagħmlu t-tiswijiet neċessarji. Hekk sar, u x-xogħol tħallas minn ommha. Tgħid li l-ħsara saret sforz in-negliġenza tal-konvenuti għax ma ħadux ħsieb il-qabar tagħhom. Tgħid li dakinhar ma kienx hemm aktar oqbra ddanneġġjati. Oħtha kellmet lill-konvenuta Marthese Calleja  iżda dawn ma qablux li jsir il-ħlas.

Illi l-istess attriċi xehdet ukoll in kontro-eżami fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2021[11]. Hawnhekk tispjega li kienet oħtha biss li marret fuq il-post. Taqbel li kien maltemp qawwi. Il-qabar sar tagħha fis-sena 1992 imma l-lapida saret fis-sena 2013. Hija tgħid li l-konvenuti kienu negliġenti għaliex il-qabar tal-konvenuti huwa aktar antik. Tgħid li marret fuq il-post xi ġimgħa wara. Qabel l-inċidenti kienet marret l-aħħar f'Ġunju tas-sena 2018. Hija tmur iċ-ċimiterju f'ċertu okkażżjonijiet, iżda mhux bilfors kull sena.

Illi Nicolette Miller xehdet inizjalment permezz t'affidavit[12]. Essenzjalment, hija terġa' tirrepeti x-xhieda tal-attriċi Marthese Calleja. Tikkonferma li marret hi immedjatament fuq il-post u sabet straġi fuq il-qabar. Kienet hi li ħadet diversi ritratti. Tgħid li skond hi, il-konvenuti ma ħadux ħsieb il-qabar tagħhom u b'hekk ġara l-inċident.

[11] Din tibda a fol 75 tal-proċess.
[12] A fol 19 tal-proċess.

Illi l-istess Nicolette Miller xehdet ukoll in kontro-eżami fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2021[13]. Tikkonferma li hija eredi ta' nofs il-qabar. Ma tafx jekk ommha għandhiex xi użufrutt. Kien Charles Schembri li ġie d-dar tagħha dakinhar u infurmaha bl-inċident. Hija marret l-għada. Tgħid li dakinhar kien naqra maltemp. Kienet ilha biss ftit ġimgħat ma tmur fiċ-ċimiterju. Tmur hemm qisu kull xahar. Il-lapida tagħhom kienet hemm xi ħames snin u tal-konvenuti ħafna aktar. Tgħid li anke l-biċċa tagħhom inqalbet għal fuq tal-konvenuti. Tgħid li kienet deterjorata għaliex il-qabar tal-konvenuti ma kienx sod. Ma tistax tgħid liema lapida kienet l-aktar għolja. Ippressata lejn l-aħħar tal-kontro-eżami, tikkonferma li hija l-ewwel darba li tat każ kif kien il-qabar tal-konvenuti kien wara l-inċident.

Illi l-attriċi Josephine Mangion xehdet inizjalment permezz t'affidavit[14]. Tgħid li uliedha wirtu l-qabar mingħand il-kunjatu tagħha u dan għaliex żewġha miet qablu. Essenzjalment terġa' tirrepeti dak li qalu t-tfal tagħha. Tgħid li x-xogħol kien ta' €1,246 u li tħallsu minnha. Imbħad tgħid li l-irċevuta hija ta' €1,350, iżda €104 huma spejjeż t'ittri u numri ta' mjeta oħra u li ma kienux parti mill-ħsarat.

Illi Charles Schembri xehed fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2020[15]. Spjega li huwa ilu jieħu ħsieb iċ-ċimiterju xi tmienja u erbgħin sena. Dakinhar tal-inċident jiftakar li kien riħ qawwi. Filgħaxija, meta kien sejjer jagħlaq, kien hemm persuna tbiegħ il-fjuri quddiem iċ-ċimiterju u qallu li għal ħabta tas-sagħtejn kienu nqalbu żewġ oqbra. Filgħaxija mar infurma lis-sidien u avża wkoll lill-Pulizija. Jgħid li tal-konvenuti ilu (il-qabar) hemm mhux ħażin u tal-atturi kien ilu hemm sentejn.

---

[13] Xhieda relattiva tibda a fol 79 tal-proċess.
[14] A fol 22 tal-proċess.
[15] Xhieda relattiva tibda a fol 26 tal-proċess. Jingħad li dan instema minn dan it-Tribunal kif preċedentement presedut.

Jgħid li l-familji huma responsabbli li jieħdu ħsieb l-oqbra għaliex, it-tnejn kienu jidhru tajbin.

Illi in kontro-eżami magħmul fl-istess seduta, Charles Schembri ikkonferma li għandhom reġistru tas-sidien. Dwar il-lapidi tal-kontendenti jgħid li dawn kienu l-istess livell. Dakinhar ma kienx riħ tas-soltu. Jgħid li dakinhar ma kienx hemm ħsara oħra. Jgħid li l-konvenuti ma kellhomx għalfejn iduruh il-qabar għax kien fi stat tajjeb.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll Jeffrey Custó[16] fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2020. Huwa eżebixxa dokumentazzjoni ċioé rapport rigwardanti t-temp fil-jiem qabel u fit-12 ta' Marzu 2019. F'din l-aħħar data ir-riħ tela sa forza 8. Jgħid li l-Mosta normalment riħ ikun Majjistral u jxaqleb bejn forza 8 u forza 9. B'dik il-qawwa l-effetti jistgħu ikunu enormi. Kienu nħarġu ukoll twissijiet speċjalment minħabba l-baħħara.

Illi f'dawn il-proċeduri xehdet ukoll Marthese Calleja. In eżami[17] tgħid li hija u l-konvenuti l-oħra huma sidien ta' qabar ġewwa l-Mosta. Tgħid li lill-atturi ma tafhomx. Tgħid li dakinhar ir-riħ kien qawwi ħafna tant li inqalgħu ukoll xi siġar. Tgħid li bil-maltemp inkisret il-lapida; inqasmet. Is-Sagristan (Charles Schembri) bagħat għall-kuġin tagħha, il-konvenut Charles Sant. Dan mar fuq il-post u sab il-lapida mwaqqa'. Hija marret l-għada biex tara l-affarijiet u rat kemm il-lapida tagħha u dik tal-atturi imkissra. Dwar ir-ritratti eżebiti mill-atturi dawn juru li l-lapida tagħhom inqalgħet minn l-ingass. Tikkonferma li r-ritratti juru li l-lapida

[16] Xhieda relattiva tibda a fol 32 tal-proċess. Jingħad li dan instema minn dan it-Tribunal kif preċedentement presedut.
[17] Xhieda tibda a fol 45 tal-proċess.

tal-atturi kienet inqalgħet totalment u mhux tqaċċtet mill-ingass. Tgħid li l-lapida tal-atturi hija ikbar minn tagħhom. Tgħid li huma ma reġgħux għamlu l-lapida wara li tkissret. Dwar is-siġar fiċ-ċimiterju tgħid li dawn qegħdin il-bogħod mill-oqbra u għalhekk ma jgħinux biex jilqgħu ir-riħ.  Tgħid li tlett snin qabel kienu għamlu manutenzjoni fuq il-qabar u li ma kien hemm l-ebda ħsara.

Illi in kontro-eżami fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2021[18], tikkonferma li hija marret fuq il-post. Tikkonferma li l-ingass tal-lapida tagħhom għadu hemm. Ma sarx xogħol ta' manutenzjoni strutturali fuq il-lapida għax ma kienx hemm ħtieġa. Taħseb li l-qabar ilu hemm erbgħin sena. Ma taqbilx li kienet imweħħla bil-kolla. Ma tafx liema direzzjoni kien qiegħed jonfoħ ir-riħ.

Illi l-konvenuta Josephine Farrugia xehdet in eżami fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2020[19]. Hija kkonfermat ix-xhieda tal-konvenuta Calleja.

Illi l-konvenut Charles Saliba xehed fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2021[20]. Huwa jispjega li dakinhar ra l-irħam miksur. Spjega li l-lapidi kienu dahar ma dahar u li tal-atturi kien itwal minn tagħhom. Jgħid li l-irħama tagħhom kienet ingassata, bejn iż-żewġ irħamiet. Jgħid li kienet tagħhom bilfors li qalgħet daqqa biex ċediet. Ma ċedietx mill-kolla biss. Fuq il-lapida tal-atturi ma kienx hemm ingassatura. Dwar it-temp, jgħid li kien maltemp enormi.

---

[18] A fol 86 tal-proċess.
[19] Xhieda relattiva tibda a fol 50 tal-proċess.
[20] Xhieda relattiva a fol 66 tal-proċess.

Illi in kontro-eżami fl-istess seduta[21], jikkonfemra li huwa joħroġ flus għall-manutenzjoni tal-qabar. Jgħid li huwa jaħdem bħala mastrudaxxa. Jikkonferma li mar dakinhar stess fuq il-post. Jgħid li kien hemm biċċiet tal-irħam fuq iż-żewġ oqbra. Muri ritratt, jikkonferma li l-qabar tagħhom huwa l-abjad u tal-atturi huwa l-iswed. Jgħid li kienet il-lapida tal-atturi li waqgħet fuq tagħhom. Jgħid lir-ritratti huma ċari u juru li tal-atturi ċediet u fil-fatt tagħhom ġiet biċċiet. Jgħid li l-ħsara fuq il-parti ċ-ċatta saret għax il-lapida tal-atturi waqgħet fuqha.

**<u>Kwistjoni Preliminari – Integritá tal-Ġudizzju</u>**

Illi qabel kull kundiserazzjoni fil-mertu, tinħass il-ħtieġa li b'mod verament qasir jiġi mistħarreġ punt li ġie ivventilat mid-difensur tal-konvenuti fit-trattazzjoni tal-għeluq. Irriżulta li Nicolette Miller hija eredi wkoll tal-qabar mertu ta' din it-Talba. Issa, jirriżulta li din Nicolette Miller, għalkemm ippreżentat din it-Talba hija stess[22], ma indikatx lilha nnifisha bħala attriċi f'din il-kawża. Skond l-avukat difensur tal-konvenuti, din il-kwistjoni qatt ma ġiet sanata mill-atturi u hija fatali.

Illi mill-ewwel jingħad li t-Tribunal m'għandux eċċezzjoni formali f'dan is-sens[23], u kif diġa' intqal, dan l-argument tqajjem biss fit-trattazzjoni orali finali.

---

[21] Kontro-Eżami jinstab *a tergo* ta' fol 68,

[22] Dan jirriżulta mit-timbru a fol 3 tal-proċess.

[23] F'dan is-sens issir referenza għal dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Joseph Agius et vs Golu Spiteri,</u>** (App Ċiv Nru: 1122/08) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-24 ta' Novembru 2017 fejn ġie ritenut illi "*L-appellant rega' qajjem kwistjonijiet li l-ewwel Qorti ddecidiet li ma kellhiex tiehu konjizzjoni taghhom ghaliex ma kienux indikati fir-risposta guramentata tieghu. Dawn jinkludu l-fatt li, skont l-appellant, huwa ma huwiex l-uniku proprjetarju tal-ambjenti inkwistjoni u allura kellhom jigu citati huma wkoll ghall-integrita` tal-gudizzju. L-ewwel Qorti qalet li l-appellant qajjem dan il-punt biss fin-nota' ta' sottomissjonijiet tieghu u qalet li kwistjoni bhal din kellha tigi sollevata fir-risposta guramentata. Din il-Qorti taqbel ma' dan. Dan qed jinghad fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi tal-qrati nostrali per ezempju bhal dik fl-ismijiet Angelo Montebello v. Stratford Company*

Madankollu, dan il-punt m'huwiex ta' xkiel sabiex tingħata din id-deċiżjoni. Fl-ewwel lok ma hemm xejn xi jwaqqaf komproprjetarju sabiex imexxi xi azzjoni. Fit-tieni lok, tali eċċezzjoni (li jerġa' jingħad lanqas tressqet b'mod formali) ġiet meqjusa bħala waħda dilatorja[24]. B'hekk ukoll dan l-argument, sa fejn irid li din it-Talba tiġi miċħuda fuq dan il-punt, m'huwiex mistħoqq.

Naturalment, jekk l-azzjoni attriċi tiġi akkolta peró, jista possibbilment ikun hemm lok sabiex l-ammont li jingħata ma jkunx fl-intier tiegħu. Għar-raġunijiet li sejrin issa jiġu mfissra f'din id-deċiżjoni dan l-aħħar eżerċizzju mhux sejjer ikun bżonnjuż.

**<u>Mertu</u>**

Illi ferma din l-introduzzjoni u magħmul dan ir-riassunt, it-Tribunal iqis li l-artikoli rilevanti għal każ in deżamina huma prinċipalment dawk emerġenti mill-artikoli 1031[25] u 1032(1)[26] tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa permezz ta' dawn li trid tinstab soluzzjoni għall-preżenti litiġju. Ta' min iżid li kif inhi

*Limited et (P.A. – 29 ta' Novembru 2007) fejn inghad li "la darba eccezzjoni ma tressqitx fin-nota ta' eccezzjonijiet (f'dan il-kaz fir-risposta) dan ifisser li proprjament lanqas ma ghandha tigi kkunsidrata u dan peress li ma hemm l-ebda dubju li tali difiza ghandha tohrog min-nota ta' eccezzjonijiet jew llum mir- risposta guramentata u dan anke fuq l-iskorta ta' gurisprudenza konstanti nkluza dik ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kaz Vincent Camilleri v. Gaetano Aquilina (Appell. – 16 ta' Marzu 2004); u Bank of Valletta plc v. Abbazia Company Ltd (Appell Inferjuri – 5 ta' Mejju 2011)."*

[24] F'dan is-sens utli li ssir referenza għal dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Concetta Cassar vs Alfred Zammit,</u>** (App Ċiv Nru: 4/1998/1, mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-27 ta' Novembru 2009.

[25] L-artikolu jgħid hekk: *Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.*

[26] L-artikolu jgħid hekk: *Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*

postulata ċertament it-tielet eċċezzjoni, huwa rilevanti wkoll l-artikolu 1029 tal-istess Kapitolu.

Illi in vena ġurisprudenzjali jingħad li kull min jagħmel użu minn dritt tiegħu għandu jutilizza l-istess fil-limiti ġusti[27]. Hekk per eżempju, propjetarju, jista' jagħmel liberalment modifiki fil-fond tiegħu, basta ma jaggravax jew jiddanneġġja l-propjetà tal-ġar[28].

Illi b'introduzzjoni wkoll, għandu jkun indiskuss li dan it-Tribunal huwa munit b'fakoltá differenti mill-Qrati ordinarji u ċioé l-obbligu li prinċipalment jaqta' t-talbiet quddiemu b'element t'ekwitá[29]. Issa, id-diskrezzjoni ekwitattiva m'għandhiex tintuża sabiex *jivvjola n-normi pożittivi tal-ġustizzja, sew proċedurali in kwantu għall-oneru tal-provi, sew sostantivi*[30]. Min-naħa l-oħra

[27] Fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel u Lucy konjugi Mifsud vs Victor Camilleri**, (App Ċiv Nru: 1918/1996/1, mogħtija finalment mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-15 ta' Diċembru 2004, l-Ewwel Qorti, kienet ċċitat minn-sentenza preċedenti li qalet hekk: *"Hu pacifiku illi ma huwiex bizzejjed li wiehed jaghmel uzu mid-dritt tieghu, izda dan l-uzu irid ikun fil-limiti gusti, kwindi anke konciljat ghad-drittijiet ohra ta' haddiehor, li altrimenti jistghu jigu vvjolati b'dak l-uzu u dan ikun illeggittimu".*

[28] Hija ripetutament iċċitata s-sentenza fl-ismijiet **Bugeja vs Washington**, mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar il-5 ta' Mejju 1897, fejn din kienet enunċjat is-segwenti: *"Il diritto del proprietario di usare liberamente del suo fondo e di farsi le modificazioni che crede convenienti cessa la ove si reca grave molestia al vicino".*

[29] Artikolu 7 tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Marika Caruana vs Direttur Ġenerali tal-Qrati tal-Ġustizzja**, mogħtija minn dan it-Tribunal nhar id-19 ta' Diċembru 2002. Għalkemm dik id-deċiżjoni ġie revokata fl-istadju tal-appell (fuq kwistjoni ta' kompetenza), r-riassunt akkademiku fuq il-materja tal-ekwitá għandu jibqa jkollu qiegħed jerġa jingħata applikazzjoni.

[30] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Martin Paul u Connie konjugi Vella vs Chris Micallef,** (Appell Ċivili Numru. 653/2008/) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-6 ta' Ottubru 2010.

mbgħad dan il-kejl jippermetti wkoll ċertu ammont t'elastiċita f'dak li huwa ġudizzju[31].

Illi dwar dan l-aħħar punt, huwa minnu li l-valutazzjoni ekwitattiva m'hijiex tal-istess xorta ta' dik l-ekwitá kontemplata skond il-liġi speċjali li tirregola dan it-Tribunal, dan il-kejl kien possibbilment jiġi utilizzat ai fini ta' kwantifikazzjoni tad-danni[32].

Illi għandu jkun indiskuss li l-atturi qegħdin jibbażaw l-azzjoni tagħhom fuq il-ħtija akwiljana da parti tal-konvenuti. Għalhekk, sabiex tirnexxi azzjoni bħal din irid jintwera l-ewwel u qabel kollox li nġarbet ħsara u li din kienet tort[33] (li jista

[31] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Assocjazzjoni GS1 Malta vs Andrews Feeds (Malta) Limited,** (Appell Ċivili Nru: 851/2007/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Diċembru 2008.

[32] Fis-sentenza fl-ismijiet **Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma vs John Mary Caruana,** (Appell Ċivili Nru: 266/2003) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) deċiża fl-20 ta' Novembru 2009 intqal hekk*: Distingwibilment, il-valutazzjoni ekwitativa mhix ta' l-istess xorta ta' dik l-ekwita kkontemplata taht il-Kapitolu 380 tal-ligijiet u li tikkonsenti lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar li jiddeciedi l-kontroversja quddiemu principalment skond dak l-istrument valutattiv. Ara Artikolu 7 (1) tieghu. Hu, invece, gudizzju rigwardanti espressament u eskluzivament il-mizura tad-danni b'mod li l-Qorti tikkompleta u timla l-vojt tal-prova preciza fuq il-kwantum bhala bonum vir, ossija b'apprezzament ekwu. Effettivament, tali apprezzament jimplika gudizzju fejn fih jittiehed konsiderazzjoni tal-qaghda konkreta tal-kaz u dan fil-prattika jfisser illi l-Qorti, filwaqt li ma thosshiex marbuta bl-istima proposta, fl-istess waqt ma tkunx lanqas tista' tinjora l-fatt accertat ta' l-ezistenza ta' l-illegalita u tal-pregudizzju ekonomiku soffert, u konsegwentement tghaddi biex taghmel uzu mill-precitat kriterju idoneju biex tasal ghall-komputazzjoni gusta, ossija, skond ma jinghad fir-rikors ta' l-appell, "ghall-anqas ghall-parti mill-ammont mitlub mill-Korporazzjoni attrici appellanti";*

[33] F'dan is-sens issir referenza għal dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Giovanni Vella et vs Michael Cilia,** (App Ċiv Nru: 46/2002/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-23 ta' Ġunju 2004 liema raġunament ġie ukoll imħaddan fis-sentenza fl-ismijiet **James Nicholl vs Edoardo Pellegrini Petit**, (Rik Ġur Nru: 666/10) mogħtija mil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-14 ta' Marzu 2018 (mhux appellata).

jkun wieħed kemm attiv kif ukoll passiv[34]) tal-konvenuti[35]. Din ir-rabta ta' kawżalita' bejn l-egħmil (jew l-ommissjoni) tal-parti u l-effetti mġarrba hija s-sies t'azzjoni ta' dan it-tip[36].

Illi għalhekk qabel kollox irid jintwera li kien hemm ħsara. Issa, dwar dan jirriżulta li forma ta' ħsara kien hemm u għalhekk din il-parti tal-azzjoni tinsab sodisfatta. Mix-xhieda prodotta dan huwa fil-verità ammess[37].

Illi peró, dan il-fatt waħdu, naturalment, ma jfissirx li l-istanza attriċi b'hekk irnexxiet. Kif diġa ngħad, huwa n-ness ta' kawżalitá li jrid jiġi pruvat[38]. Dan, fiċ-

---

[34] Fl-opra tiegħu **<u>Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile</u>**, il-ġurist Francesco Ricci jgħid hekk: *La colpa ha un significato abbastanza esteso, e tale che non puó non comprendere la negliġenza e l'imprudenza eziandio; e difatti noi diciame che chi é negligente o imprudente é in colpa, dappoiché avrebbe dovuto usare maggiore diligenza, od essere un poco piú accorto ed avveduto.* Imbagħad fl-istess paragrafu jkompli jamplifika hekk: *Dunque la colpa, che genera resonsabilitá civile, non deriva soltanto dai fatti, ma anche dai non fatti; onde io non solo sono in colpa quando faccio quello che non avrei dovuto fare, ma sono in colpa pur anco quando ometto o trascuro di farció che avredi dovuto fare.* – UTET, 1923, III edizzjoni, Vol VII, para 85 a fol 113.

[35] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et</u>**, (Ċit Numru 886/1993/2) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-3 ta' Ottubru 2003 fejn intqal hekk: *"Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili hi ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew kulpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil iżda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diligenza u nuqqas ta' hsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus ghan-nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali"*

[36] Wieħed huwa mistieden jara l-insenjament, kemm dak akkademiku, kif ukoll minħabba r-rakkolta ta' ġurisprudenza in materja, mogħti fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Noel Pisani et vs Adam Bartolo</u>**, (Ċit Nru: 13/06) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 t'April 2016 (mhux appellata).

[37] Wara kollox, fit-trattazzjoni finali, l-avukat difensur tal-konvenuti ukoll qal hekk: "*Mela s'hemmhekk li soffreww danni, li sofrew ħsara hija minnha, ħadd ma qed jikkontestaha".*

[38] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Paul Laferla vs Comm. Edward Palmier noe</u>**, mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar il-11 ta` Dicembru 1967, liema sentenza hija ripetutament ċċitata b'approvazzjoni. F'dik is-sentenza intqal hekk: *"Illi n-ness ta` kawzalita` hu fic-centru tal-problema tar-responsabbilita` civili, minghajr il-htiega f` dan ir-rigward (mhux biss fid-dottrina moderna ta-lobbligazzjonijiet imma anki fil-logika) ta` distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik extra kontrattwali. Il-fatt additat bhala kawza tad-dannu jridu ikun il-*

ċirkostanzi tal-każ odjern, kellu jiġi pruvat mill-atturi[39], anki għaliex f'dan il-każ ma teżistix preżunzjoni legali li fil-fatt il-ħsara seħħet bi ħtija tal-konvenuti[40]. Għal dan it-Tribunal, din il-prova ma seħħitx u dan għas-segwenti raġunijiet.

Illi b'mod ġenerali jingħad li l-kunflitt ta' provi hija ġrajja normali f'proċessi ta' dawn it-tip. Meta jiġri hekk ġudikant għandu jkun prinċipalment gwidat b'żewġ prinċipji bażilari u ċioé l-utilizzar ta' forma ta' korroborazzjoni u fin-nuqqas taċ-ċertezza morali, iċ-ċaħda tat-talba[41]. Applikati dawn il-prinċipji għall-fatti ta' dan il-każ[42], l-konvinċiment tat-Tribunal ixaqleb ferm aktar lejn it-teżi tal-konvenuti.

*kawzageneratrici tal-istess dannu. Id-dannu jrid jintwera f` ness ta` kawzalita` mal-fatt kolpuz li fuqu tkun bazata domanda ghar-rizarciment."*

[39] Fost diversi, wieħed huwa mistieden jara dak enunċjat fis-sentenza fl-ismijiet **Emil Otto Bachet vs Bank of Valletta plc,** (App Ċiv Nru: 319/09) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-23 ta' Novembru 2020.

[40] It-Tribunal qiegħed hawn jagħmel referenza għal-artikolu 1041 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[41] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et,** (App Ċiv Nru: 290/2001) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-24 ta' Marzu 2004, fejn intqal hekk: *"Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni talprovi quddiemha: 1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u 2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur"."*

[42] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi,** (Appell Ċivili Nru: 503/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-12 ta' April 2007, fejn intqal hekk: "*Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvincimentliberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinċiment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita`, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond ġurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni."*

Illi huwa minnu li huwa mgħallem li mhux kull dubju jew kunflitt għandu jfisser li talba attriċi m'hijiex mistħoqqa. Madanakollu, dan it-Tribunal li eżamina l-proċess għal diversi drabi għadu m'huwiex konvint sal-grad rikjest li t-teżi attriċi, u ċioé li kienet il-lapida tal-konvenuti li tat lok għal dan l-inċident, għandha mis-sewwa. Fil-verità dan id-dubju baqa' jipperdura sal-kitba ta' din is-sentenza u għalhekk ma jistax jakkolji t-Talba[43]. Mir-ritratti eżebiti, iżda speċjalment mix-xhieda ta' Charles Sant għal dan it-Tribunal jirriżulta pjuttost l-oppost ta' dak li qegħdin jgħid l-atturi u ċioé li fil-verità kienet l-lapida tagħhom li waslet sabiex isir id-dannu. Dan l-aħħar xhud kien ċar u baqa' hekk konsistenti fir-rigward tal-fatt li l-lapida tagħhom kienet ingassata. Huwa bil-wisq aktar probabbli li l-lapida tal-konvenuti tkissret bil-fatt li l-lapida tal-atturi inqalgħet minn posta u laqtet l-oħra. Li kieku kien bil-kontra, il-lapida tal-konvenuti kienet tinqala' b'mod totali. Dan jingħad b'ċertu qawwa għaliex jirriżulta lil-lapida tagħhom[44] kienet aktar għolja minn dik tal-konvenuti, u b'hekk aktar faċilment imħakkma mir-riħ ta' dakinhar.

[43] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Raymond Zahra vs Alex Valenzia,** (Avv Nru: 423/2005) mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati nhar is-16 ta' Ġunju 2008 (mhux appellata).

[44] Huwa verament inverosimili li l-atturi ma jgħidux b'mod ċar liema kienet il-lapida l-aktar għolja meta jittantaw f'diversi bnadi tax-xhieda tagħhom juru li huma kienu jmorru ta' sikwit fuq il-qabar. Tinħass il-ħtieġa li ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Audrey Murphy ġja Audrey Delia Murphy vs Mark Anthony Delia,** (Ċit Nru: 665/2006), mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Ġunju 2015 (mhux appellata) fejn b'awtoritá, ntqal hekk: *"Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu ta bilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa ddmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet."*

Illi dan il-punt (liema mill-lapidi għamlet il-ħsara) kien u baqá nebuluż u dan it-Tribunal, m'huwiex moralment konvint lill-fatti seħħew kif jgħidu l-atturi[45]. Jiġi mfakkar li ħadd mill-partijiet ma kien preżenti dakinhar tal-akkadut.

Illi dan kollu jmur lillhin mill-fatt tal-manutenzjoni o meno tal-oqbra.

Illi għalhekk, dan it-Tribunal m'huwiex sodisfatt u moralment konvint, lanqas bil-kriterju ekwitattiv hawn fuq epurat, li l-atturi rnexxilhom jippruvaw l-lanjanza tagħhom[46].

Illi peress li t-Tribunal qiegħed għalhekk isib li n-ness ta' kawżalitá ma ġiex ippruvat, u li l-inċident ma seħħx bil-mod kif indikat mill-atturi, ma hemm l-ebda lok għal riżarċiment ta' danni.

---

45 Fis-sentenza fl-ismijiet **Korporazzjoni Enemalta vs Joseph Vassallo,** (App Ċiv Nru: 1859/2004/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-17 ta' Ottubru 2008 intqal hekk: *"Dan permezz ta' prova li, f'kazijiet ta' din ix-xorta, trid twassal biex, b'mod adegwat u konvincenti, tikkreja n-ness ta' kawzalita` ta' fatt bejn il-kondotta ta' l-agent u l-event dannuz. Hu, wara kollox, il-kardini tas-sistema tar-responsabilita`extrakontrattwali, jew akwiljana, illi ghad-danni kawzati lil terzi huwa l-awtur tal-lezjoni li ghandu jwiegeb ghar-rizarciment ta' dawn l-istess danni li mill-att jew fatt jidderivaw; Maghdud dan, il-gudikant, li ghandu l-kompitu li jistabbilixxi s-sussistenza ta' dak l-istess ness kawzali, ma jistax jirrikorri la ghal spekulazzjonijiet dwar min seta' kien lawtur tad-dannu, u lanqas ghall-intwizzjoni proprja, anke jekk, talvolta, din tkun bazata fuq il-logika. Huwa ghandu, inveci, ghall-accertament ta' dak l-istess ness jevalwa l-elementi kollha tal-fattispeci ghall-iskop li jistabilixxi, b'mod objettiv u fil-konkret, il-fatt li jkun ipproduca l-hsara u, konsegwentement, l-awtur li dak l-istess fatt ikun giebu fis-sehh".*

46 Fl-opra tiegħu **Teoria Delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano**, il-ġurist Giorgio Giorgi jgħid hekk: *La colpa invero é un quid iuris, sinché sta nei columi dei tattatisti al cospetto della scienza; ma la colpa é un quid facti, quando deve essere provata davanti al giudice, il quale non puó trovarla, se non nei fatti, che gli vengono dimostrati.* – FRATELLI CAMMELLI, 1903, VII edizzjoni, Vol II, fol 55. Huwa minnu li din id-definizzjoni hija utilizzata meta l-ġurist ikun qiegħed jiddiskuti il-kulpa kuntrattwali, iżda l-istess oneru huwa meħtieġ f'każijiet bħal dak odjern.

Illi finalment, peress li issa nstab u ġie deċiż li l-azzjoni attriċi m'hijiex meritoveli t'akkoljiment minħabba n-nuqqas ta' kawżalitá, it-Tribunal iqis li m'għandux jinvesti fil-mertu tat-tielet eċċezzjoni mqajjma mill-konvenuti għaliex issa dak ikun eżerċizzju purament akkademiku. Qiegħed allura iħalli dik il-kwistjoni impreġudikata. Ġialdaraba m'hemmx aktar lok li jinvesti f'dik il-materja[47] sejjer jieqaf hawn.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jastjeni milli jqis it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti, jilqá l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-konvenuti u jiċħad it-talbiet tal-atturi.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-atturi.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[47] Fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuela Bartolo et vs Marthese Caruana et,** (App Ċiv Nru: 383/16/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-31 ta' Awwissu 2021, ingħad hekk: "*Għalkemm qorti tkun ħalliet kawża biex taqta' dwar numru ta' eċċezzjonijiet, ma jkollhiex għalfejn tqishom kollha jekk kemm-il darba tilqa' xi eċċezzjoni li tkun tolqot il-mixi 'l quddiem tal-kawża. L-għoti ta' sentenza huwa maħsub għad-deċiżjoni ta' punt mistħarreġ u mhux biex qorti toqgħod turi kemm taf. U jekk, wara li tingħata deċiżjoni dwar eċċezzjoni partikolari, ma jkunx għad hemm il-ħtieġa li qorti tgħaddi biex tistħarreġ eċċezzjonijiet oħrajn, dan ma jnaqqas xejn mis-siwi tal-mod kif dik il-qorti tkun għażlet li tqishom.*"